MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2014

Avviz Numru. 310/2012

**Clive Ciappara ezercenti l-kummerc taht l-isem 'Rocky's Ironmongery'**

**vs**

**Giuseppe Giurdanella**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors prezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar is-17 ta' Settembru 2012, permezz ta' liema l-attur talab lill-Qorti tikkundanna lill-intimat ihallsu s-somma

ta’ sitt elef u mitt ewro (€6,100) jew kull ammont iehor verjuri li jista’ jigi likwidat ghal rifuzjoni ta’ flus imhallsa mir-rikorrenti u/jew danni kkagunati minnu u dan wara li r-rikorrenti ma kellu ebda xelta ohra hlief illi jittermina l-appalt li kien ta lill-intimat minhabba li l-intimat naqas li jaghmel xoghol skond is-sengha u l-arti u fiz-zmien patwit u termini stabbiliti fid-dokument hawn anness bhala Dokument A. L-ammont ta’ €6,100 jirrapprezenta in kwantu ghal hamest elef (€5,000) ammont gja imhallas lill-intimat u mill-bqija danni sofferti inkluz xoghol li sar ghal xejn.

Bl-ispejjez inkluz tal-mandat ipprezentat kontestwalment u l-imghax skond il-ligi sad-data tal-pagament effettiv.

Rat ir-risposta ta’ Giuseppe Giurdanella li giet ipprezentata fis-16 ta’ Ottubru 2012 fejn eccepixxa s-segwenti:

1. *“Illi fl-ewwel lok, l-ammont mitlub mir-rikorrent kemm in linea ta’ flus imhallsa lill-eccipjent u kif ukoll bhala danni m’humiex dovuti, stante li l-eccipjent ghamel ix-xoghol skond il-ftehim.*
2. *Illi kif ser jigi ppruvat matul il-kawza, ir-rikorrent kien kuntent bix-xoghol maghmul mill-eccipjent, u mhux minnu illi l-eccipjent naqas milli jaghmel ix-xoghol skond is-sengha u l-arti.*
3. *Illi mhux minnu illi l-eccipjent naqas milli jaghmel ix-xoghol skond it-termini pattwiti u entro z-zmien stabbilit u tant hu hekk illi wara li kien giet ikkonsenjata u installata parti mill-ghamara in kwistjoni, ir-rikorrenti ghaddew pagament ulterjuri lill-eccipjent.*
4. *Illi r-rikorrent ittermina l-appalt abbuzivament u b’hekk kien hu li kkaguna danni lill-eccipjent.*

5. *Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, ir-rikorrent irid igib prova ta' jekk sofriex danni u jekk iva, jikkwantifika l-istess.*
6. *Illi ghaldaqstant l-ammont mitlub mhux dovut.*
7. *Illi t-talbiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt.*
8. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri premessi mil-Ligi.*

*Bl-ispejjez kontra r-rikorrent."*

Rat il-kontro-talba tal-intimat rikonvenzjonant Giuseppe Giurdanella li giet prezentata flimkien mar-risposta tieghu fejn talab:

*"Illi l-intimat rikonvenzjonant kien tqabbad mir-rikorrent rikonvenzjonat sabiex jezegwixxi xoghlijiet konsistenti fil-kostruzzjoni, installazzjoni u konsenja ta' kcina skond ordni maghmula mir-rikorrent rikonvenzjonat.*

*Illi l-intimat rikonvenzjonant accetta l-inkarigu u ftiehem fuq prezz mar-rikorrent rikonvenzjonant dwar dan u kien inghata depozitu fir-rigward tal-istess xoghol.*

*Illi l-intimat rikonvenzjonant ikkonsenja u nstalla l-qafas tal-kcina in kwistjoni fil-fond tar-rikorrent rikonvenzjonat, liema xoghol gie accettat mir-rikorrent rikonvenzjonat li kien kuntent u sodisfatt bl-istess.*

*Illi sussegwentement l-intimat rikonvenzjonat kien talab lir-rikorrent rikonvenzjonat sabiex dan jaghmel depozitu ulterjuri akkont tal-prezz finali, liema depozitu kien sar mir-rikorrent rikonvenzjonat.*

*Illi meta l-intimat rikonvenzjonat kien sussegwentement ipprezenta ruhu fil-fond tar-rikorrent rikonvenzjonat sabiex ikompli x-xoghol, dan f'salt gie informat illi r-rikorrent rikonvenzjonat ma kienx ghadu interessat fil-kcina, u ma kienx thalla jkompli jahdem fuq l-istess kcina.*

*Illi ghalhekk l-appalt moghti lill-intimat rikonvenzjonant gie tterminat minghajr raguni valida fil-Ligi.*

*Illi l-intimat rikonvenzjonant sofra danni b'konsegwenza tal-agir tar-rikorrent rikonvenzjonat.*

*Illi ghall-finijiet ta' kompetenza l-intimat rikonvenzjonant jiddikjara illi d-danni minimu sofferti ma jeccedux il-valur ta' hamest elef ewro (€5,000).*

*Ghaldaqstant l-intimat isejjah rikonvenzjonalment lir-rikorrent quddiem din l-Onorabbli Qorti sabiex jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:*

*i. Tiddikjara li l-intimat rikonvenzjonant sofra danni bhala konsegwenza tal-agir tar-rikorrent rikonvenzjonat illi ttermina l-appalt minghajr raguni valida fil-Ligi.*

*ii. Tillikwida d-danni sofferti mill-intimat rikonvenzjonant, okkorrendo, jekk ikun il-kaz, bil-hatra ta' periti nominandi.*

*iii. Tikkundanna lir-rikorrent rikonvenjonat sabiex ihallas lill-intimat rikonvenzjonant dik is-somma hekk kif likwidata minn din l-Onorabbli Qorti in linea ta' danni.*

*Bl-ispejjez kontra r-rikorrent rikonvenzjonat li qed jigi minn issa ingunt in subizzjoni, u bl-imghax legali sad-data tal-hlas effettiv."*

Rat ir-risposta ghat-talbiet rikonvenzjonali ta' Clive Ciappara ezercenti l-kummerc taht l-isem Rocky's Ironmongery li giet ipprezentata fit-30 ta' Jannar 2013 fejn iddikjara:

1. *"Illi t-talbiet rikonvenzjonali huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda kontra r-rikonvenzjonanti*
2. *Illi fl-ewwel lok irid jispecifika u jipprova d-danni li qieghed jallega li sofra u dana billi skond il-ligi (l-Art 1640) id-danni fl-ebda cirkostanza ma jistghu qatt jissuperaw il-valur tax-xoghol u l-qliegh li setgha jsir minn dak ix-xoghol: bil-kontrotalba odjerna l-intimat Giurdanella qieghed jippretendi hlas li b'kollox jissupera l-valur originali tal-kuntratt, u dana meta lanqas kien ikkompleta nofs ix-xoghol li kellu jsir!*
3. *Illi fit-tieni lok l-esponenti kellu raguni tajba fil-ligi sabiex iholl il-kuntratt minhabba l-inadempjenza ta' r-rikonvenzjonant li isewwi x-xoghol li ma sarx skond is-sengha u l-arti u kif patwit;*
4. *Illi fit-tielet lok ir-rikonvenzjonant ma kienx lesta xoghol fit-terminu miftiehem (l-20 t'April 2012) u baqgha hekk inadempjenti minkejja diversi*

*interpellanzi – kien ir-rikonvenzjonant stess li ghalhekk abbanduna l-land tax-xoghol;*

5. *Illi fir-raba' lok l-ebda ammont ma jista' jkun dovut lil rikonvenzjonat billi x-xoghol li sar ma kienx utli ghall-esponenti, tant li l-oggett installati mill-rikonvenzjonali izda li qatt ma tlestew tnehhew mill-fond u tpoggew f'garaxx sabiex jingabru mill-istess rikonvenzjonant, u minkejja diversi interpellazzjonijiet dan irrifjuta li jigbor l-istess oggetti.*
6. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri fil-fatt u fid-dritt."*

**George Ciappara** xehed fis-6 ta' Marzu 2013 fejn iddikjara li huwa jigi missier Clive Ciappara. Huwa spjega li t-tifel tieghu Clive kien ordna kcina minghand il-konvenut ghax il-konvenut kien mar il-hanut tax-xhud biex jixtri minn ghandhom. It-tifel kien staqsieh kemm kienet ser tigih u staqsieh jekk kienx ser ilestijielu f'certu zmien u wiegbu iva u ghalhekk talbu biex jaghtih il-kapparra li ammontat ghal erbat elef ewro (€4,000). Meta ghadda z-zmien il-kcina ma kinitx lesta u t-tifel kien lest li jissaportih ftit. Sussugwentament jaf li l-konvenut gablu xi erba' bicciet mill-kcina. It-tieni darba rega' gie u gab xi bicciet ohrajn tal-kcina u rega' talab il-flus lit-tifel. It-tifel kien tah elf ewro (€1,000) ohra.

Ix-xhud spjega li l-konvenut tah bicca ohra mill-kcina li kienet bit-tond u hu kien mar mat-tifel biex jigborha bil-vann. Meta dahluha d-dar qabez fuq it-tifel u qallu li din ma kinitx tajba u filfatt it-tifel qallu biex igibu mastrudaxxa biex ma jkollhomx kwistjonijiet ghal xejn. Fil-fatt ix-xhud gab mastrudaxxa u wara qal lill-konvenut biex jigi jara x-xoghol, spjegalu x'qallu l-mastrudaxxa u wiegbu li kien lest li jirrangaha. Sussegwentament ix-xhud mar il-garaxx tieghu biex jara meta kien ser igibilhom il-kumplament tal-kcina u sabu li kien qed inehhi l-fuljetta minn mal-ghamara li kellu hazin. Dak il-hin stess huwa mar jghid lit-tifel li l-ghamara ma kinitx qed issir tajba u qallu biex iwaqfuh. It-tifel qallu biex iwaqfuh

ghax effettivament huwa kellu dar gdida u ma riedx idahhal imbarraz. Naturalment mar jitolbu l-flus lura, qallu biex izomm tal-ispejjez u talbu biex jaghtihom il-kumplament, pero l-konvenut ma tahomlux.

Ix-xhud spjega li l-wicc tal-kcina kienu gabuh minn barrra minn Malta. Il-konvenut kien jaf, ghalkemm dan m'ghamluhx tramite s-servizz tieghu. Fil-fatt huwa kien ftiehem mal-konvenut li x-xoghol kellu jkun tajjeb u kellu jkun xoghol ta' barra. Dan il-ftehim pero' kien wiehed verbali. Il-ftehim bil-miktub kien jirrigwarda biss it-terminu meta kellha tigi nstallata l-kcina.

Huwa esebixxa kopja tal-kuntratt tal-fattura relevanti li giet immarkata mill-Qorti bhala dokument Z. Ix-xhud sostna li x-xoghol effettivament ma kienx irfinut. Meta fil-fatt kellu jsir it-tond beda jqatta l-injam bicca bicca u ma kinitx pulita ghax ma kinitx injama wahda. Ghalhekk il-konvenut kien qed jiksiha bil-fuljetta biex jghatti d-dnub. Huwa qal illi l-injam in kwestjoni jinsab fil-garaxx taghhom.

Illum il-gurnata ix-xhud pensjonant. Huwa kien jahdem fil-gebel. Huwa ikkonferma li l-konvenut mar ghandhom tliet darbiet. Ix-xhud sostna li kien ghad fadal hafna mill-kcina. Kien fadal il-bibien kollha, il-post fejn titqieghed il-fridge u kien ghad fadal tliet armarji kbar. Fil-fehma tax-xhud ma kellhiex tintuza fuljetta, izda l-injam kellu jigi minn ta' barra.

Il-**Perit Valerio Schembri** xehed nhar it-12 ta Frar 2014 u spjega li kien gie nominat minn din il-Qorti b'digriet taghha sabiex jistma u jirrelata dwar il-provi

konnessi ma' din il-kawza. Huwa esebixxa r-relazzjoni tieghu li giet immarkata bhala Dokument VS. Huwa kkonferma l-kontenut taghha.

Rat ir-relazzjoni tal-**Perit Valerio Schembri** fejn wasal ghas-segwenti konkluzjonijiet:

1. *"Dwar it-talba ta' Clive Ciappara sabiex l-intimat ihallas €6,100 lill-istess rikorrent jinghad illi jirrizulta mill-provi li mhux disputat illi Clive Ciappara kien hallas lil Giuseppe Giurdanella s-somma ta' €4,000 bhala depozitu u €1,000 akkont tal-prezz wara l-konsenja ta' parti mix-xoghol. Dwar l-€1,100 li r-rikorrent qed jitlob bhala danni jinghad illi mill-provi rikorrenti ma jirrizultax x'kienu specifikament u precizament dawn id-danni salv allegazzjoni ta' dewmien (mhux sostanzjat b'dati precizi, dokumenti a sostenn u kwantifikazzjoni ta' spejjes jekk kien hemm in konnessjoni ma l-istess ecc) u li allegatament inxtara mir-rikorrenti wicc appropozitu ghall-kcina li kellu jikkonsenja u jpoggi fuq il-post Giurdanella (dan il-wicc ma giex muri lill-esponent waqt l-access, ma gewx esebiti rcevuti dwaru u lanqas ma gie sottomess jew teknikament ippruvat li l-istess wicc ma regghax intuza fil-kcina l-gdida li saret fil-fond tar-rikorrent). Fid-dawl ta' dan l-esponent huwa wkoll ta' l-umli opinjoni illi l-hames eccezzjoni tal-intimat ai fini teknici ghandha tigi milqugha u l-istess ghandu x'jinghad ghas-sitt eccezzjoni ghal dak li jirrigwarda l-kap tad-danni reklamati minn Ciappara.*

2. *Mit-talba rikorrenti jirrizulta illi r-raguni ghaliex Ciappara ittermina l-appalt kien ghaliex skond hu x-xoghol ma sarx skond l-arti u s-sengha u mhux fiz-zmien pattwit skond Dokument A anness mat-talba u b'hekk ukoll gew ikkawzati danni lill-istess rikorrent. Fl-ewwel tlett eccezzjonijiet tieghu l-*

*intimat Giurdanella jirrespingi din il-parti tat-talba fejn hemm ir-raguni ghat-terminazzjoni ta' l-appalt mir-rikorrent Ciappara. Dwar id-data tal-konsenja ma hemmx dubju minn Dokument A anness mat-talba li l-konsenja kellha tkun fl-20 ta' April 2012 u kien hemm dewmien fil-konsenja kif jixhed missier ir-rikorrent George Ciappara, fatt li Giurdanella jammettieh anke fl-affidavit tieghu. It-tezi tar-rikorrenti ghaliex ix-xoghol ma sarx skond l-arti u s-sengha hija bbazata fuq zewg binarji u cioe' illi l-materjal supplit ma kienx dak pattwit u l-mano d'opera ma kinitx tajba. Fir-rigward tal-materjal supplit l-esponent minn dak li ezamina in situ jidhirlu illi dan jirrispekkja dak imsemmi fl-appalt. Fir-rigward tal-mano d'opera l-esponent ihoss li huwa minnu li hemm partijiet li ma sarux skond l-arti u s-sengha u hawn il-lanjanza tar-rikorrenti hija teknikament gustifikata. Madanakollu hija l-umli opinjoni ta' l-esponent illi ma kien hemm xejn li teknikament ma setghax isir sabiex tali difetti jigu rrangati. Fic-cirkostanzi u fid-dawl tar-raba' eccezzjoni tal-intimat l-esponent ihoss li r-rikorrenti ma kienux teknikament gustifikati jitolbu lill-intimat jieqaf mix-xoghol a bazi tad-difetti riskontrati ghaliex dawn setghu jigu rrimedjati. Dwar id-danni li jallega li sofra l-intimat hekk kif elenkat fl-istess eccezzjoni l-esponent ser jippronuncja ruhu meta jirrelata dwar il-kontro-talba.*

3. *Fid-dawl ta' l-ewwel talba ta' l-intimat rikonvenzjonat u l-ewwel u t-tielet risposta ghall-istess talbiet rikonvenzjonali issir referenza diretta ghall-konkluzjoni numru tnejn supra. Ghaldaqstant jigi kkonfermat hija l-umli opinjoni ta' l-esponent illi tali d-difetti riskontrati setghu jigu rrangati u l-ebda opportunita ma jidher li giet moghtija lill-intimat rikonvenzjonat sabiex jirranga x-xoghol hazin, meta dan gie mwaqqaf mix-xoghol minn Ciappara. Jinghad ghal kull bwonn fini illi jekk Giurdanella kien ser jispicca x-xoghol kollu u jithallas tieghu, l-istess intimat kien aktarx ser jaghmel qliegh minnu. Stante li Giurdanella gie mwaqqaf dan il-qliegh gie michud lilu.*

4. *Dwar it-tieni u t-tielet talba tal-intimat rikonvenzjonat u cioe ghall-likwidazzjoni tad-dannu soffert minn Giurdanella u l-kundanna sabiex ir-rikorrent rikonvenzjonat ihallas id-dannu hekk likwidat, l-esponent ihoss illi ma tressqux provi teknici sodisfacenti li jippruvaw kemm kien dan il-qliegh li Giurdanella tilef galadarba twaqqaf mix-xoghol. Ghalkemm l-intimat rikonvenzjonat jghid li kien lesta x-xoghol kollu u fil-fatt fl-affidavit tieghu jghid li jrid jithallas il-kumplament tal-appalt ghall-valur totali ta' €10,000 kif miftiehem skond Dokument A a fol 2 tal-process, x-xoghol allegatament ikkompletat ma giex muri lill-esponent, id-difetti f'dak supplit kienu ghadhom hemm u dak riskontrat waqt l-access zgur ma kellux il-valur li qed jitlob l-intimat rikonvenzjonat. Dan jinghad ukoll fid-dawl tat-tieni risposta ta' Clive Ciappara ghat-talbiet rikonvenzjonali.*

5. *Fid-dawl tar-risposti numru erbgha u hamsa ta' Clive Ciappara ghat-talbiet rikonvenzjonali jinghad illi huwa minnu u dan anke hekk kif ikkonfermat mill-esponent supra illi Giurdanella ma zammx maz-zmien miftiehem. Jigi kkonfermat ukoll illi anke se mai il-parti ta' l-appalt supplita kien fiha difetti tal-mano d'opera pero dawn skond l-esponent setghu jitrangaw. Stante li fl-umli opinjoni ta' l-esponent Giurdanella ma nghatax l-opportunita li jikkoregi x-xoghol hazin, effettivament huwa gie mwaqqaf mix-xoghol u mhux abbandunah. Ghal kull buon fini illi tenut kont ta' dak li ntwera lill-esponent in situ u tad-difetti li kien fih l-istess xoghol prestat mill-intimat, hija l-umli opinjoni ta' l-esponent illi x-xoghol supplit kellu l-valur ta' cirka €3000."*

Rat l-affidavit tal-konvenut **Giuseppe Giurdanella** li gie pprezentat flimkien mar-relazzjoni tal-Perit Valerio Schembri liema affidavit huwa bil-lingwa Taljana u gie tradott ghall-Malti mill-Avukat Robert Galea. Fl-affidavit tieghu, il-konvenut iddikjara li huwa jahdem bhala mastrudaxxa u kien iltaqa' ma' Clive Ciappara fil-

hanut tieghu li jinsab gewwa Santa Venera u li jismu "Rocky's Ironmongery". Il-konvenut kien jixtri xi affarijiet mill-hanut tal-attur b'mod regolari u ghalhekk hu kien jaf li l-konvenut kien jahdem bhala mastrudaxxa. Darba minnhom l-attur kien staqsieh jekk jahdimx ukoll kcejjen u wiegbu li kien jaghmilhom. L-attur qallu li kellu bzonn kcina ghad-dar tieghu u kien urieh xi pjanti tal-istess kcina. Wara li l-konvenut ra l-pjanti, huwa ghamel stima tax-xogholijiet u qablu fuq prezz t'ghaxart elef ewro (€10,000) kif jidher minn dokument datat 24 ta' Jannar, 2012. F'dan l-istadju l-attur kien tah depositu ta' erbat elef ewro (€4,000) u l-konvenut beda bix-xoghlijiet.

Il-konvenut spjega li l-attur ried kcina mahduma minn materjal laminat u bhala kulur ghazel il-gewz skur, bil-bibien miksijin bil-fuljetta tal-injam zebrano. Biex ikun cert li l-kulur tal-prodott finali jkun ghas-sodisfazzjon tal-attur, il-konvenut ghamel kampjuni tal-injam li kien ser jigi wzat fil-kcina. Wara li l-attur ra l-kulur fuq il-kampjuni, ftehmu li l-kcina kollha tinhadem mic-*chipboard* u tinhadem mill-injam *zebrano* bi ftit zieda ta' kulur il-gewz.

Huwa ddikjara li beda jahdem fuq il-kcina li kienet maghmula minn zewg partijiet: parti kienet dritta mill-parti ta' wara, fejn kienet ser tmiss mal-hajt, u kienet gejja ftit ghat-tond mill-parti ta' quddiem u l-parti l-ohra kienet ghat-tond u perpendikolari mal-hajt sabiex tikkrea penizola. Huma ftehmu li l-ewwel kellu jikkonsenja l-parti dritta ghax din kienet izjed semplici u ghax wara li jkun installa dik il-parti, hu seta' jiddeciedi kemm ried ikabbar il-parti tal-penizola u jara kemm kienet ser tehodlu spazju. Filfatt wara li l-konvenut installa l-parti d-dritta li kien vicin is-16 ta' April, 2012, huwa kkrea mudell tal-forma tal-penizola izda lill-attur ma ghogbitux u ghalhekk ghamlu mudell iehor flimkien. Inoltre

anke t-*top cupboard* kien lest u dan kien jonqsu biss it-twahhil tal-hgieg mal-bibien.

Sussegwentament il-konvenut beda jahdem fuq il-penizola u f'certu punt gie missier l-attur biex jivverifika f'liema stadju kienu waslu x-xogholijiet. Huma kellhom problemi biex jikkomunikaw ghax hu ma kienx jitkellem bit-Taljan u l-konvenut ma jitkellimx bil-Malti. Il-konvenut dak il-hin kien qed japplika l-fuljetta fuq il-penizola izda nduna li parti mill-fuljetta kienet rikbet fuq parti ohra. La din kienet rikbet u ma kinitx perfetta l-konvenut stqarr illi kellu jiddeciedi jekk jaqtax il-parti li kienet rikbet jew inehhihiex biex jerga' jaghmilha mill-gdid. Huwa ddecieda li jnehhi l-fuljetta li rikbet u jpoggiha mill-gdid sabiex jaghmel ix-xoghol izjed pulit. Huwa qal li dak il-hin il-kolla kienet ghadha friska u ghalhekk seta' jaqla' l-fuljetta b'facilita'. Biex ikun jista' jnehhiha kellu juza paletta apposta, li jsejhulha paletta. Huwa ddikjara li mhux minnu li uza tornavit kif qal George Ciappara u din l-azzjoni ma halliet l-ebda effett fuq l-injam ta' taht ghax il-paletta li uza kienet intiza proprju ghal dak ix-xoghol. Huwa sostna li d-decizjoni li ha kienet decizjoni sabiex jikkonsenja lill-klijent tieghu bicca xoghol maghmula sewwa ghax il-prezz tal-fuljetta li kellu jiskarta wara li qalaghha, li kienet ghar-rimi baghtih hu. F'dan il-punt missier Clive ma kien qallu xejn dwar din l-azzjoni li kien qed jaghmel u mhux veru qallu sabiex jieqaf.

Il-konvenut stqarr illi kienu ghaddew ghoxrin gurnata wara l-ewwel u t-tieni konsenji. Meta huwa kien ikkonsenja l-penizola, l-attur kien tah elf ewro (€1,000) ohra. Il-konvenut stqarr illi kellu bzonn daqqa t'id sabiex jikkonsenja l-penizola ghax din kienet tqila. Ghalhekk kien gie missier l-attur sabiex jghinu jghabbiha fuq il-vann tieghu u flimkien ikkonsenjaw il-penizola fil-proprjeta' tal-attur. Dak il-hin wasal Clive ukoll u bejniethom qalulu li kienu sodisfatti mix-

xoghol. Permezz tal-elf ewro (€1,000) li nghata huwa kellu jixtri l-pumijiet li kienu jonqsu sabiex ikun jista' jlesti l-kcina. F'dan il-punt kollox kien lest hlief ghat-twahhil tal-pumi, it-top cupboard u ta' erba' (4) bibien li seta' biss jahdem fuq il-post u wara l-installazzjoni sabiex ikun jista' jiehu l-qisien abbazi tal-qafas. Il-kcina kienet iddisinjata bi tmintax-il (18) bieba u erbat (4) ikxaxen.

Dakinhar tal-gurnata tal-konsenja kienet it-tieni darba li l-konvenut kellu kuntatt dirett ma' missier Clive. Huwa kien rah qabel fil-hanut imma qatt ma kienu tkellmu jew iddiskutew il-kcina. Il-konvenut sostna illi huma bejniethom kienu dejjem jitkellmu bil-Malti u kien ikun jista' jifhem dak li jkunu qed jghidu.

Il-konvenut tenna li wara madwar gimgha, meta kien ghadu qed jistenna lil min jahdimlu l-hgieg biex jaghtih il-hgieg tat-*top cupboards*, ircieva messagg li kien jghid li ma riedx il-kcina iktar. F'dak il-punt assuma li l-messagg kien baghtu hu imma ma kienx cert. Huwa sostna li dan l-unika messagg li qatt baghtlu l-attur, mhux minnu li kienu bghatulu diversi messaggi kif qal George Ciappara. Il-konvenut ma rrispondiex il-messagg, imma mar il-hanut bit-*top cupboard* lest, imma Clive Ciappara qallu li l-kcina ma riedux u li ried li huwa jehodha lura u li jtih il-flus li kien hallsu u qallu wkoll li kien ghadda l-kaz lill-avukat tieghu. Ghalhekk il-konvenut ma kellux ghazla ohra hlief li jitlaq minn 'l hemm. Lanqas biss qallu r-raguni ghalfejn ma ridiex iktar. Il-konvenut dan rah bhala atteggjament stramb ghax ftit qabel kien ghadu kif ghamillu konsenja u kien anke hallsu somma akkont tal-prezz.

Il-konvenut ippreciza li fuq il-karta li kitbu bejniethom meta ordna l-kcina ndikaw d-data tal-20 ta' April tas-sena 2012 bhala d-data prevista tal-konsenja u li dan ma kienx ifisser illi din kienet data fissa imma din kienet biss data

approssimattiva. Fi kwalsiasi kaz, il-konvenut sostna li l-fatt li l-kcina ma kinitx kompletament installata f'dik id-data, ftit setghet taghmillu differenza, ghax l-attur xorta ried jordna l-wicc tal-irham jew tal-quartz u l-appliances ghal gol-kcina. Dan juri li l-kcina ma kienx ser juzaha f'dik id-data.

Huwa ddikjara li x-xoghol ghamlu tajjeb skont il-livell artigjanali rikjest u kif maqbul bejniethom u minghajr dewmien skont il-ftehim taghhom. Il-konvenut sostna li l-attur waqqfu milli jlesti x-xoghol minghajr l-ebda raguni u ghalhekk huwa soffra danni. Sostna wkoll illi x-xoghol huwa ghamlu sewwa u ghalhekk ghandu jithallas l-ammont rimanenti, jigifieri hamest elef ewro (€5,000).

Rat illi fil-verbal tas-17 ta' Ottubru, 2013 xehed **il-konvenut Giuseppe Giurdanella** in kontro-ezami quddiem il-Perit Valerio Schembri fejn iddikjara li kien jaf li l-attur ma jitkellimx bit-Taljan. Huwa kkonferma li l-attur kien talbu sabiex jissuplixxilu u jqeghdlu kcina ta' barra u cioe' mpurtata minn Sqallija. Huwa gie kkonfrontat bil-verzjoni li huwa fl-ordni tax-xoghol ma kienx kiteb li l-materjal kellu jkun chipboard u f'dan ir-rigward spjega li huwa fl-ordni kiteb *laminato* li filfatt huwa chipboard minn gewwa. Il-konvenut iddikjara li lill-attur kien spjegahulu dan. Huwa cahad li qala' l-fuljetta bit-tornavit izda qalaha bil-paletta apposta. Ikkonfrontat bil-verzjoni li kien f'dan il-punt li l-attur induna li qed juza c-chipboard wiegeb li ma kienx jaf li kien dak il-mument li l-attur induna b'dan u qal li dejjem kien hemm problema ta' komunikazzjoni.

Huwa tenna li kien wera kampjun lill-attur sabiex ikun jaf il-kuluri tal-materjal kif finalment ser ikun installat fuq il-post. Din il-kwistjoni tal-fuljetta grat fit-tieni konsenja u huwa kien thallas elf ewro wara din il-konsenja. Huwa stqarr illi wara

din it-tieni konsenja huwa talab ghal izjed minn elf Ewro. Huwa kien insista ghall-hlas ta' elf ewro iehor.

Mistoqsi kif kien jaf li l-klijenti kienu sodisfatti bix-xoghol ladarba kien hemm problema ta' komunikazzjoni huwa wiegeb li jifhem xi haga bil-Malti u nduna li x-xoghol kien ghogobhom ghax sema l-kelma "*sabiha*". Huwa ddikjara li huma qatt ma qalulu li x-xoghol ma kienx tal-kwalita pattwita. Il-bibien kienu ghadhom ma twahhlux u kkonferma li talab lill-missier l-attur biex jghinu meta ghamel il-parti t-tonda.

Huwa kkonferma li gieli gie missier l-attur fil-mahzen fejn jahdem. Mistoqsi meta saret il-peninsular unit, wiegeb li kien xi hmistax-il gurnata wara l-ewwel konsenja. Huwa qatt ma rcieva ittri li huwa qieghed tard fix-xoghol u ma jiftakarx li rcieva ittri datati 28 ta' Gunju 2012. Wara li l-konvenut ircieva l-elf ewro(euro 1,000), huwa mar ikellmu u qallu li l-kcina ma ridiex u kien ser ikellmu l-avukat tieghu. Huwa ma jafx li pprova jcempillu diversi drabi l-attur, li jaf li rcieva messagg li l-kcina ma ridiex.

Il-konvenut iddikjara in ri-ezami li l-kampjuni juri wkoll x'inhu l-intern tal-materjal. Dakinhar tat-tieni konsenja talab ghal izjed minn elf ewro pero' qalulu li elf jistghu jaghtuh.

Il-**Perit Valerio Schembri** xehed fit-12 ta' Marzu 2014 fejn iddikjara li huwa qed jipprezenta kopja ta' domandi li saru lilu bil-miktub minn Dr Refalo u stqarr li llum jinsab f'pozizzjoni li jwiegeb ghall-istess. Dawn id-domandi gew mibghuta lilu propju l-bierah stess. Dwar l-ewwel domanda spjega li l-ewwel domanda

tghid "perit tista' tikkonferma li effettivament l-intimat la jitkellem u lanqas jifhem bil-Malti?" Huwa li jista' jghid huwa li waqt is-seduti huwa xehed bit-Taljan u ttraskrivew bil-Malti. Issa jekk jifhimx bil-Malti jew meno huwa ma ghandux idea. It-tieni domanda hija "Mis-seduti precedenti tista' tiddeduci li r-rikkorent la jitkellem u lanqas jifhem bit-Taljan?" Huwa jidhirlu li r-rikorrent ma xehedx quddiemu li kien ikun prezenti kien il-papa tieghu. Issa jekk jafx bit-Taljan o menu ma jafx, pero' jaf li quddiemu d-diskors sar bil-Malti. It-tielet mistoqsija hija "Mela inti strihajt fuq il-fattura biss meta iddeducejt li l-materjal supplit jirrispetta dak li huwa msemmi fl-appalt?" Iva fil-fatt dik hija l-unika prova li huwa kellu dwar il-ftehim taghhom, din qieghda annessa ma' rikors ukoll. Dan huwa Dok A, a fol 2 tal-process.

Domanda numru 4: "Jekk ma jafx jaqra r-rikkorent kif tista' tghid li dak imnizzel fil-fattura jirrifletti dak li hu fir-realta gie pattwit?" Il-perit stqarr li jekk jafx jaqra jew meno r-rikorrent, huwa ma ghandux idea. Mistoqsija ohra kienet: "xi prova gab l-intimat tas-sample u kellha l-kumment mikxuf?" Huwa spjega li l-prova tas-sample hija dak li qieghed jghid fid-dokument A a fol 2 tal-process jigifieri li huwa l-appalt. Il-kumplament huwa dak li kien hemm fuq il-post. Issa jekk il-mistoqsija hija jekk il-kummenti ghandhomx jibqghu mikxufin meta jsir ix-xoghol in situ, wiegeb li fil-fatt dawn ma ghandhomx jibqghu mikxufin, u fil-fatt hemm apposta biex jghattuhom.

Domanda ohra hija s-segwenti: "Issa allura kif tista tghid li l-materjal suplit huwa dak miftiehem?" Il-Perit wieged li fil-fatt dan ghaliex il-materjal li raw in situ huwa dak li jissemma a fol 2 tal-process, jigifieri dak li ftehmu fl-appalt *elios ebrano*, *vernicato lucido* u *laminato noce*, jigifieri dak huwa l-materjal li raw fuq il-post. Mistoqsi jekk effettivament kif jista' jghid li l-materjal kien solid

meta huwa l-kummenti ma rahomx, wiegeb li in situ kien hemm mikxufin. Huwa tenna li in situ l-kummenti kienu mikxufa. Mistoqsi jekk effettivament meta huwa qed jghid is-sample u cioe' dak li jinsab esebit fl-atti a fol 2 wiegeb li ma kienx hemm sample qatt, li hemm huwa deskrizzjoni ta' dak li kellu jsir.

Il-perit spjega li meta fil-karta esebita a fol 2 hemm miktub li x-xoghol kellu jkun *laminato* dan ifisser li x-xoghol qatt ma seta' jkun solid, jista' jinstab bhal bicca gewz. Huwa sample per se qatt ma ra izda mexa biss fuq id-dokumentazzjoni, jew jekk kienx hemm xi sample li raw il-partijiet fl-assenza tieghu, huwa ma jistax jikkumenta dwarhom. Il-Perit jaqbel ukoll li l-valur kollu kellu jkun ta' €10,000 kif hemm imsemmi fuq domanda numru 7. Huwa tenna li huwa x-xoghol li huwa ra in situ bid-difetti kollha tieghu kellu valur ta' €3,000. Dan johrog minn bullet number 5 tar-relazzjoni tieghu. Huwa jaqbel ukoll li effettivament il-konvenut ma zammx mat-termini moghti lilu, kif irrizulta mir-relazzjoni tal-perit. Mistoqsi jekk effettivament kellux cans sabiex ix-xoghol isir sewwa mill-ewwel, wiegeb li iva effettivament setgha ghamlu tajjeb mill-ewwel. Jekk kellux cans biex jirranga l-izbalji wiegeb li mill-provi jirrizultalu li dawn effettivament qabdu u nehhew kollox minnufih.

Il-Perit iddikjara li dwar il-materjal supplit, huwa qatt ma qal li effettivament ma kienx hemm il-materjal supplit kif kien miftiehem allura ma jistax jaqbel ma' dak li hemm indikat fid-domanda numru tnax. Pero' dwar jekk kellux cans sabiex jirranga dan ix-xoghol qal li kieku nghata zmien setgha kellu cans. Pero' x-xoghol tnehha minnufih. Huwa minnu li l-izbalji li kien hemm huma dawk li jikkoncernaw il *mano d'opera*, ghax il-materjal fil-fehma tieghu kien skont il-kwalita miftehma. Huwa qatt ma qal li fil-fatt kien hemm zball fil-materjal u allura dak qatt ma setgha jitranga, ghaliex tajjeb mill-ewwel. Naturalment id-

domanda 14 huwa ma jaqbilx maghha  ghax huwa qed jghid li l-materjal supplit kien dak li ftehmu dwaru. Huwa tenna li folja tkun ta’ certu daqs u ghalhekk xi mkien irid ikun hemm fil. Naturalment fejn wiehed jista’ jargumenta huwa fejn kellu jkun hemm il-fil. Mistoqsi jekk huwa hax ritratti, wiegeb li le ma hatx ritratti.

Dwar id-domanda numru 16 il-perit spjega li dwar ksur fl-iskorfina, li una volta l-injam tkun laminate ma tistax taghmel certu tondjaturi u ghalhekk bilfors ghandu jsir strippi. Id-difett li kien in situ kien li l-istrippi kienu ftit aktar il-boghod minn xulxin milli suppost. Dawn setghu jitrangaw li kieku x-xoghol sar sewwa mill-ewwel, kieku dawn l-istrippi effettivament kienu jirqaqu u l-ispazju kien ikun aktar ugwali. Dak li hemm miktub fin-numru 17 huwa minnu, fis-16 huwa minnu. Pero’ spjega li dak irid jigi ezaminat propju meta jigi nstallat fuq il-post u dan ghax l-art mhux bilfors tkun dritta. Dan huwa difett li jista’ jitranga pero’ in situ huwa ma rahx, fis-sens li ma kienx installat fil-kcina. Huwa dan rah f’garaxx. Jekk il-vinji tal-foljetta ma jaqblux naturalment il-foljetta tista’ tinbidel jew inkella tirranga d-disinn biex jigi ugwali. Mistoqsi jekk id-disinn kienx tajjeb jew le, wiegeb li f’dan il-kaz ma jiftakarx. Huwa minnu li sabiex tirrimedja dan ix-xoghol hazin li sar kien ser jiehu aktar hin  u kien ikun minnu wkoll li d-data miftehma dwar meta kellu jigi supplit l-ghamara kienet ser tigi maqbuza wkoll. Huwa jaqbel ukoll li x-xoghol huwa stmah fis-somma ta’ €3,000.

Il-perit ma jaqbilx li effettivament ix-xoghol li rah kienu ta’ kwistjoni minima ghax effettivament kien hemm xi affarijiet li kienu ghadhom neqsin fosthom xi units ohrajn. In atti ma kienx hemm esebit pjanta ta’ kif effettivament kellha tkun il-kcina finali. L-appalt ma jirrizultax, dettalji, qisien, xi pjanta u affarijiet bhal dawn. Kull ma jirrizulta huwa dak id-dokument esebit fl-atti a fol 2 tal-

process u jekk qed jara sewwa bhala kwantita hemm 8.7 pero’ la hemm metri, ma hemmx xejn indikat u ghalhekk ix-xhud qed jifhem li din kellha tkun il-kcina. Li ra fuq il-post ma kienx hemm 8.7 u ghalhekk qal ukoll li kien ghad jonqos xi bicciet. Mistoqsi jekk kcina ta’ 8.7 bil-laminate kif hemm indikat jammontax ghal €10,000 wiegeb li kollox jiddependi skont id-disinn. Huwa fil-fatt ma qalx kemm kellu jkun l-ammont ta’ telf ta’ qliegh li kellu jaghmel il-konvenut. Dan ghax huwa ma gabx dik il-prova, fis-sens kemm kellha tkun kbira l-kcina u kemm effettivament kemm sar minnha. Li kieku kellu d-disinn naturalment seta’ jkun f’pozizzjoni li jghid kemm kien ser jaqla minnha. Pero’ kif inhi l-istorja ma setghax. Dwar l-ahhar domanda huwa ma jistax iwiegeb u dan ghax huwa ma jistax jghid dwar id-differenza grossolana fil-prezz ghax din hija kwistjoni ta’ negozju. Fit-tieni lok ukoll huwa ma rahx id-disinn, u qatt ma qal li effettivament l-injam kellu jkun solid, ghax minn dan il-ftehim jirrizulta li effettivament kellu jkun laminate.

**Il-Perit Valerio Schembri** xehed fl-14 ta’ Mejju, 2014 fejn gie muri dokument u numru ta’ ritratti. Huwa spjega li dawn ir-ritratti jindikaw il-merca li huwa effettivament ra. Pero’ qal li huwa effettivament dawn ma gewx mehuda fil-post fejn kienet il-merca meta huwa ezaminaha. Fil-fatt dawn ir-ritratti gew mehuda go xi appartament u huwa l-kcina raha f’garaxx. Il-Perit spjega li hawnhekk il-kcina tidher armata pero’ meta raha hu kienet zarmata mal-art. Mistoqsi fuq id-difetti li huwa tkellem dwarhom fis-seduta tieghu precedenti wiegeb li r-ritratti fihom id-dellijiet u ghalhekk ma jistax jikkonferma bl-ezatt. Pero’ ddikjara li l-kcina zgur li hija l-istess wahda.

Rat in-nota tal-attur Clive Ciappara li gietipprezentata fis-seduta tal-14 ta' Mejju 2014 li permezz taghha ezebixxa ritratti tal-bank tal-kcina mertu tal-kawza fil-post tal-attur liema ritratti gew immarkati bhala Dok. RIT.

Rat illi fis-seduta tal-14 ta' Mejju 2014 Dr Robert Galea pprezenta nota ta' rinunzja ghal patrocinu tal-intimat u ghalhekk il-Qorti iddiferiet il-kawza ghall-4 ta' Gunju 2014 bl-isperanza li dakinhar jidher l-intimat ben assistit.

Illi dakinhar tal-4 ta' Gunju 2014 deher biss l-avukat difensur tal-attur li talab li din il-kawza tibqa ghas-sentenza fuq il-provi migbura.

**Ikkunsidrat.**

Illi mill-provi mismugha jirrizulta li l-attur kien ghamel kuntratt ta' appalt mal-intimat u dan sabiex jaghmillu kcina ghall-fond tieghu skond il-ftehim esebit fl-atti a fol. 2. Jidher li skond dan il-kuntratt l-intimat kien obbliga ruhu li jibni kcina '*in laminato noce scuro e ante in legno zebran vernicato lucido con dispenza in cestelli inox extra*." L-istess partijiet ftehmu li l-konsenja kienet prevista sal-20 ta' April 2012 u dan kollu versu l-prezz miftiehem ta' ghaxart elef ewro (€10,000) u fuq dan il-ftehim l-attur hallas lill-intimat is-somma ta' erbat elef ewro (€4,000) u ghalhekk kien ghad baqa' bilanc ta' sitt elef ewro (€6,000). Ma jidhirx li kien hemm xi ftehim verbali iehor dwar dan l-appalt.

**Kunsiderazzjoni legali**

In-natura tal-kuntratt ta' appalt kienet trattata fis-sentenza ta' din il-Qorti tad-9 ta' April 1968 fil-kawza **Busuttil vs Fedele et** fejn inter alia kienet citata s-sentenza tal-Qorti tal-Kummerc li kienet inghatat fid-9 ta' Marzu 1939 fil-kawza **Micallef vs Mamo et noe** (Vol.XXX.III.433).

Fis-sentenza **Busuttil vs Fedele et**, il-Qorti qalet hekk –

*"... il-kuntratt ta' appalt huwa kuntratt bilaterali u dejjem soggett ghal patt kommissorju tacitu. Konsegwentement meta d-difetti fl-ezekuzzjoni jkunu ppruvati, il-kriterju essenzjali tad-decizjoni tinsab fl-ezami jekk ix-xoghol ikunx affett jew le minn vizzji sostanzjali. Dawn huma dawk id-difetti, imsejhin ukoll essenzjali, li jipprivaw il-haga mill-iskop jew mill-utilita' taghhom b'mod li ma tibqax tikkorrispondi mad-destinazzjoni proposta mill-kommittent u ndikata min-natura stess tax-xoghol waqt li l-ohrajn kollha ghandhom jigu ritenuti mhux essenzjali. Meta d-difetti jkunu essenzjali, l-kommittent ghandu d-dritt jitlob ir-rizoluzzjoni tal-kuntratt minhabba l-inadempjenza. Meta ghal kuntrarju d-difett ma jkunx sostanzjali, l-appaltatur ma jistax jigi ritenut inadempjenti pero` jibqa` obbligat li jirripara d-difetti jew jaccetta riduzzjoni."*

Din is-sentenza kienet segwita mid-decizjoni tal-Qorti tal-Appell (Sede Kummerc) tat-22 ta' Gunju 1994 fil-kawza **Bonnici noe vs Sammut**.

Din il-Qorti jidhrilha li ghandha tikkonferma, u fl-istess waqt taghmel taghha, l-principji ta` dritt li jirregolaw l-appalt, u li sintesi akkurata taghhom hija migbura fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza **Darmanin vs Agius** li kienet deciza fid-9 ta` Ottubru 2004.

Hemm inghad hekk –

Bhala l-ewwel principju huwa dottrinalment u gurisprudenzjalment ricevut illi l-appaltatur ghandu l-obbligu li jezegwixxi x-xoghol lilu kommess fis-sens li huwa ghandu l-obbligu wkoll li jara li dan ix-xoghol ikun sejjer isir utilment u mhux b'mod li `l quddiem juri difetti.

*"L'imprenditore ha l'obbligo di eseguire bene l'opera commessagli, secondo i dettami dell'arte sua, e deve prestare almeno una capacita` ordinaria"* (Kollez Vol.XXVII pI p373). Dan fis-sens li hu *"ghandu jiggarantixxi l-bonta` tax-xoghol tieghu"* (Kollez Vol XL pI p485).

It-tieni principju jghid illi *"L-appaltatur li jezegwixxi hazin ix-xoghol li jifforma l-oggett ta' l-appalt huwa responsabbli ghad-dannu kollu li jigi minn dik l-ezekuzzjoni hazina" (*Kollez. Vol XXXVII pIII p883). Ghax kif jinsab ritenut ukoll *"f'kaz bhal dan hu ghandu mill-ewwel ma jaghmilx ix-xoghol, jew ikollu jirrispondi ghad-difetti li jigu `l quddiem"* (**Mario Blackman -vs- Carmelo Farrugia et noe**, Appell Kummercjali, 27 ta' Marzu 1972). Dan hu hekk avolja jkunx hemm l-approvazzjoni tax-xoghol (Kollez. Vol XLI pI p667) jew l-appaltatur ikun mexa skond l-ispecifications jew l-istruzzjonijiet lilu moghtija mill-kommittent.

*"E` dovere dell'appaltatore di resistere ad ordini che egli vedesse pregiudizievoli alla solidita` e contrari alle buone regole dell'arte"* (Kollez Vol. XXV pI p727).

Ukoll dwar il-kuntratt ta` appalt, il-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha tal-10 ta' Novembru, 2010 fil-kawza fl-ismijiet **Mekanika Limited vs Eurobyte Limited** qalet hekk:-

*"…Illi meta parti tkun intrabtet li twettaq xi haga u ma ttemmhiex, il-parti l-ohra (jigifieri, l-kreditur tal-obbligazzjoni) tista' tinghata s-setgha li twettaqha hi bi spejjez ta' min ikun naqasha (jigifieri, d-debitur tal-obbligazzjoni) [Art. 1127 tal-Kap 16].*

*Kreditur ta' obbligazzjoni li haddiehor ikun intrabat mieghu li jwettaq, u dan jonqos li jwettaqha, ghandu l-ghazla li jishaq mad-debitur tal-obbligazzjoni jwettaq dak li ntrabat li jaghmel [P.A. 13.12.1952 fil-kawza fl-ismijiet **Galea vs Calleja** (Kollez. Vol XXXVI.ii.578)] u, f'kaz li l-adempiment ma jkunx ghadu jista' jsir aktar, li jitlob il-hlas tad-danni mgarrba minhabba dak in-nuqqas [Kumm. 13.2.1952 fil-kawza fl-ismijiet **Petroni vs Petroni noe** (Kollez. Vol: XXXVI.iii.629)] liema danni jissarrfu fit-telf li l-kreditur ikun garrab u fil-qligh li jkun imtellef minhabba l-inadempiment [**Art. 1135 tal-Kap 16**] …"*

M'hemmx dubju kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet **Proinvest Limited vs Giljan Agius** (Appell 8 ta' Jannar 2010) li:

*"hu dover tal-appaltatur li jippresta xoghol tajjeb indipendentament x'jikkonsilja jew ma jikkonsiljax is-sid. Intqal kemm il-darba li l-appaltatur li jesegwixxi hazin ixxoghol li jifforma l-oggett tal-appalt huwa responsabbli ghad-dannu kollu li jigi*

*minn dik l-ezukuzzjoni hazina. Dan hu hekk avolja jkun hemm l-approvazzjoni ta' xoghol jew l-appaltatur ikun mexa' skond l-ispecifikazzjonijiet jew istruzzjonijiet, anke espressi, moghtija mill-kommittent. L-appaltatur hu obbligat u hu dejjem responsabbli li jaghti lil min qabbdu opra sodisfacenti u ma jistax jallega li x-xoghol sar mhux sewwa ghax il-kommittent ma oggezzjonax ghal mod kif kien qed isir ix-xoghol. Fil-fatt intqal ukoll li l-hlas tal-prezz tal-appalt ma jfissirx necessarjament approvazzjoni tax-xoghol jekk dan fil-fatt jirrizulta difettuz*."

U fil-fatt fis-senenza deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Muscat vs Cuschieri** deciza fis-26 ta' Mejju 2006 gie konfermat li:

"*min jidhol biex jesegwixxi appalt irid jaghmel tajjeb anke ghall-bonta` tal-materjal li jforni inkluz li dan il-materjal ikun idoneju ghall-iskop li ghalih ser jintuza*".

Issa f'din il-kawza l-attur jghid li l-intimat ma ghamilx xoghol skond is-sengha u l-arti u ghalhekk waqfu mill-appalt u qed jitlob li jigi rifuz il-hlas li huwa ghamel akkont ta' din il-kcina u elf u mitt ewro (€1,100) rapprezentanti danni li allegatament sofra minhabba li x-xoghol sar hazin. Minn naha l-ohra l-intimat qed jghid li x-xoghol huwa kien qed jaghmlu skond is-sengha u l-arti u f'daqqa u l-hin meta kien sejjer jinstalla l-peninzula l-attur waqfu milli jkompli jesegwixxi l-appalt u qallu li ma riedx il-kcina aktar stante li x-xoghol kien hazin u li ma kienx ikkonsenja l-kcina fiz-zmien patwit. Il-konvenut min-naha tieghu jichad li x-xoghol kien hazin u jghid li l-affarijiet zghar li kien hemm setgha irrangahom u jghid li ma kienx minnu li l-konsenja ma sarx skond iz-zmien patwit. In oltre pprezenta kontro-talba fejn qed jitlob li jigi kumpensat ghad-danni li huwa sofra minhabba l-fatt li l-attur qabad u ttermina l-kuntratt ta' appalt unilateralment.

Illi m'hemmx dubju li n-natura in desamina kienet wahda teknika u kien ghalhekk li din il-Qorti kienet innominat lill-Perit Valerio Schembri sabiex jiehu konjizzjoni tat-talba attrici u l-eccezzjonijiet tal-intiamt, il-kontro-talba tal-intimat u l-eccezzjonijiet tal-attur ghal kontro-talba tal-intimat.

Minn ezami tar-relazzjoni kif fuq imsemmi jirrizulta diversi kostatazzjonijiet u cioe' li fl-ewwel lok mhux minnu li l-konsenja saret tardiv, li l-kcina kienet qed issir skond il-materja deskritt fil-ftehim esebit fl-atti a fol 2 u jekk kien hemm xi nuqqasijiet fil-kcina dawn kienu ta' natura zghira u li setghu gew irrangati fuq il-post u li ghalhekk l-attur ma kellux jedd li jittermina l-appalt kif ghamel.

Din il-Qorti tghid li konsiderazzjonijiet u konkluzjonijiet ta' natura teknika ta' perit mahtur mill-Qorti bhal dawk li saru fil-kaz tal-lum jikkostitwixxu prova ferm importanti ghall-gudikant biex ikun jista' jasal ghad-decizjoni tieghu.

Dwar il-konkluzjonijiet ta' espert tekniku u l-piz probatorju ta` relazzjoni peritali jinghad fis-sentenza tad-19 ta` Novembru 2001 fil-kawza fl-ismijiet **Calleja vs Mifsud**, moghtija mill-Qorti tal-Appell li -

*"Kemm il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tieghu jikkostitwixxu skond il-ligi prova ta` fatt li kellhom bhala tali jigu meqjusa mill-Qorti. Il-Qorti ma kenitx obbligata li taccetta r-rapport tekniku bhala prova determinanti u kellha dritt li tiskartah kif setghet tiskarta kull prova ohra. Mill-banda l-ohra pero', huwa ritenut minn*

*dawn il-Qrati li kellu jinghata piz debitu lill-fehma teknika ta' l-espert nominat mill-Qorti billi l-Qorti ma kellhiex leggerment tinjora dik il-prova. Hu manifest mill-atti u hu wkoll sottolinejat fir-rikors ta' l-appell illi l-mertu tal-prezenti istanza kien kollu kemm hu wiehed ta' natura teknika li ma setax jigi epurat u deciz mill-Qorti minghajr l-assistenza ta' espert in materja. B'danakollu dan ma jfissirx illi l-Qorti ma kellhiex thares b'lenti kritika lejn l-opinjoni teknika lilha sottomessa u ma kellhiex tezita li tiskarta dik l-opinjoni jekk din ma tkunx wahda sodisfacentement u adegwatament tinvesti l-mertu, jew jekk il-konkluzjoni ma kenitx sewwa tirrizolvi l-kwezit ta' natura teknika".*

Issa skond is-sentenza moghtija fil-25 ta' Settembru 2003 fil-kawza **Grech et vs Grech et –** Il Prim Awla tal-Qorti Civili rriteniet – "*Bil-ligi u b'harsien tal-massima dictum "expertorum numquam transit in rem judicatam" il-Qorti mhix marbuta li taccetta l-konkluzjonijiet tar-rapport tal-perit mahtur minnha kontra l-konvinciment taghha nfisha. Imma l-fehmiet ta' perit mahtur minn qorti u maghmula f'rapport imressaq minnu m'humiex semplicement opinjonijiet izda jikkostitwixxu prova ta' fatt, specjalment f'oqsma fejn il-hatra tkun dwar hwejjeg teknici. Fehmiet bhal dawk m'ghandhomx, l-aktar fejn parti ma tkunx irrikorriet ghall-hatra ta' periti addizzjonali, tigi mwarrba kif gieb u lahaq, sakemm ma jkunx jidher sodisfacentement li tali fehmiet huma, fil-kumpless kollu tac-cirkostanzi, irragonevoli."* (ara wkoll – **Bugeja et vs Muscat** – Appell Kummercjali – 23 ta' Gunju 1967).

Ir-rigett minn qorti tal-opinjonijiet ta` perit tekniku ma jistax isir *b'mod legger jew kapriccjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha* (u cioe` ta` loti) *trid tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravement ipoggu fid-dubju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b`ragunijiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-*

*konsiderazzjoni ta` l-aspett tekniku tal-materja taht ezami* (**Grima vs Mamo et noe –** Qorti tal-Appell – 29 ta' Mejju 1998).

Jigifieri qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konkluzjoni ta` tali relazzjoni ma kienetx gusta u korretta. Din il-konvinzjoni pero` kellha tkun wahda motivata minn gudizzju ben informat, anke fejn mehtieg mil-lat tekniku. (**Cauchi vs Mercieca** – Qorti tal-Appell – 6 ta' Ottubru 1999; **Saliba vs Farrugia** – Qorti tal-Appell – 28 ta' Jannar 2000 u **Calleja noe vs Mifsud** – Qorti tal-Appell – 19 ta` Novembru 2001).

Il-*giudizio dell`arte espress* mill-perit tekniku ma jistax u ma ghandux, aktar u aktar fejn il-parti nteressata ma tkunx ipprevaliet ruhha mill-fakolta` lilha moghtija ta' talba ghan-nomina ta` periti addizzjonali, jigi skartat facilment, ammenokke` ma jkunx jidher sodisfacentement illi l-konkluzjonijiet peritali huma, fil-kumpless kollha tac-cirkostanzi, irragonevoli – (**Bugeja et vs Muscat et** – Qorti tal-Appell – 23 ta` Gunju 1967).

Din il-Qorti tghid li l-mertu tal-kawza tal-lum huwa principalment impernjat fuq konsiderazzjonijiet teknici, u mhux biss fuq apprezzament tal-provi prodotti f'kuntest legali. In partikolari, sabiex hejja r-rapport tieghu, il-perit

tekniku acceda fil-fond fejn kien hemm il-kcina u kkonstata l-istess xogholijiet u semgha x-xhieda relevanti ghal kaz. Il-perit tekniku fisser fid-dettall ir-ragunijiet li wasslu ghall-konkluzjonijiet tieghu. Din il-Qorti tqis ragonevoli u ben sostnuti l-osservazzjonijiet tal-perit tekniku u l-konkluzjonijiet tieghu. Ghaldaqstant, anke wara li tat il-konsiderazzjoni dovuta lis-sottomissjonijiet li saru mill-avukat difensur waqt li kien qed jeskuti l-perit, din il-Qorti ma ssibx ragunijiet fondati ghaliex ghandha tiddiskosta ruhha mill-konkluzjonijiet peritali.

Ghalhekk tghid li dawk il-konkluzjonijiet jimmeritaw li jkunu ben akkolti anke ghaliex kif qalet il-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Frar 2001 fil-kawza **Camilleri noe vs Debattista** – *ikun pruzuntuz ghall-gudikant illi jiddipartixxi bla raguni verament valida mir-relazzjoni teknika. Dan mhux biss ghax ma kellux il-mezzi ghad-disposizzjoni tieghu biex serenament jinoltra ruhu fl-aspetti teknici tal-mertu, imma wkoll ghaliex necessarjament tkun tonqsu dik il-konoxxenza mehtiega biex, b'mod kritiku, jasal ghal konvinciment divers minn dak li jkun wasal ghalih l-espert nominat minnu.*

Jinghad dwar it-talba tal-attur li din il-Qorti tikkundanna lill-intimat jirrifondi lura xi flus li huwa kien hallas lill-intimat jirrizulta li effettivament l-attur kien hallsu s-somma ta' hamest elef ewro depositu mal-iffirmar tal-appalt u s-somma ta' elf ewro aktar tard. Dwar dawn iz-zewg somom ma hemmx kontestazzjoni. Pero' l-attur mhux qed jitlob biss ir-refuzjoni ta' din is-somma flus u cioe' l-hamest elef ewro izda qed jitlob ukoll is-somma ta' elf u mitt ewro rappresentanti danni li allegatament sofra.

Issa dwar dawn l-allegati danni ghandu ragun jghid il-perit tekniku li l-attur ma ressaq l-ebda prova u ghalhekk il-hames u s-sitt eccezzjoni tal-intimat f'dak li jirrrgwardaw danni ghandhom jigu milqugha.

M'hemmx dubju li jidher li l-attur kien ittermina l-appalt ghaliex skond hu ix-xoghol ma kienx qed isir skond is-sengha u l-arti u mhux fiz-zmien patwit bejniethom. L-intimat jirrispingi dawn l-allegazzjonijiet fl-ewwel tlett eccezzjonijiet tieghu ghat-talba promotrici. Illi skond il-ftehim esebit a fol 2 jidher li x-xoghol kellu jigi terminat sal-20 ta' April 2012 pero' kif del rest anke

xehed missier l-intimat ix-xoghol ma kienx lest fl-20 ta’ April 2012 u ghalhekk verament kien hemm dewmien. Il-perit jispjega li meta l-attur jghid li x-xoghol ma kienx skond is-sengha u l-arti jghid li b’dan irid ifisser li l-materjal uzat ma kienx dak skond il-kwalita miftehma u in oltre apparti li uza materjal hazin, is-sengha li uza sabiex jaghmel il-kcina hija wkoll hazina. Fir-rigward tan-natura tal-materjal supplit, il-perit tekniku jghid li dak uzat mill-intimat huwa skond il-ftehim a fol 2 dwar li x-xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti jghid li verament kien hemm partijiet li kellhom bzonn jitrangew pero’ jghid il kienu de minimis u setghu jitrangaw fuq il-post u ghalhekk fil-fehma tal-perit tekniku l-attur ma kienx gustifikat sabiex jittermina l-ftehim unilateralment kif ghamel u dan ghaliex ma kellux il-gustifikazzjoni ghal dan l-agir u ghalhekk ir-raba’ eccezzjoni tal-intimat li l-attur ma kellux raguni biex jittermina l-appalt ghandha tigi milqugha pero’ dwar il-fatt li stqarr li sofra d-danni, din ser tigi trattata mal-kontro-talba tieghu fejn l-istess intimat qed jitlob li jigi kumpensat ghad-danni li sofra minhabba l-agir tal-attur.

Dwar il-kontro-talba jinghad li l-intimat fl-eccezzjonijiet tieghu ghal din il-kontro-talba u appuntu l-intimat kellu jipprova d-danni li subixxa u fil-fatt l-intimat qed jippretendi aktar mill-valur tax-xoghol u l-qliegh li seta’ ghamel minn dan ix-xoghol u dan huwa projbit bil-ligi fl-Artikolu 1640 tal-Kap 16. Issa bhala danni l-intimat ma ressaq l-ebda prova sabiex jissostanzja l-pretensjoni tieghu.

Pero’ l-perit ezamina l-atti processwali u wasal ghal konkluzjoni li in vista tal-fatt li l-appalt gie terminat b’mod abbuziv mill-attur, li l-intimat kien tardiv fil-konsenja teighu, li verament kien hemm xi difetti fix-xoghol li ghamel pero’ l-attur ma tahx chans sabiex jirrimedja tali difetti, il-perit huwa tal-fehma li x-xoghol supplit kellu valur ta’ tlett elef ewro u ghalhekk gie li l-attur hallas is-

somma ta’ elfejn ewro zejjed u huma dawn il-flejjes li l-attur huwa ntitolat ghalihom.

**Ghalhekk il-Qorti filwaqt li tabbraccja l-konkluzjonijiet tal-perit tekniku qieghda tilqa’ t-talba attrici b’dan illi l-ammont ridott ghandu jkun ta’ elfejn ewro (€2,000) liema somma l-konvenut ghandu jirritorna lill-attur u ghalhekk filwaqt illi qieghda tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut salv ghat-tielet eccezzjoni li qed tigi milqugha, u fir-rigward tal-kontro-talba din il-Qorti qieghda tichadha fl-intier taghha kif ukoll qieghda tichad l-ewwel u l-hames eccezzjoni tal-attur ghall-kontro-talba filwaqt li tilqa’ t-tieni, it-tielet u r-raba’ eccezzjoni tieghu ghall-kontro-talba tal-attur.**

**L-ispejjez inkluz dawk tal-mandat li gie prezentat kontestwalment mar-rikors promotur ghandhom jigu sopportati in kwantu ghal zewg terzi mill-konvenut u terz mill-attur stante. L-imghax jibda jiddekorri minn illum.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------